MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Numru. 131/2002
Kawza Numru. 18

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Tarcisio Grima ta' 65 sena bin Francis u M'Jane nee Debrincat u li joqghod 'Stella Maris', Flat 3, Triq Ta' Barda, Marsalforn, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 46837 (G)**
**u**
**Josephine Grima ta' 57 sena mart Tarcisio bint Michael Galea u M'Jane nee Galea u li toqghod 'Edelweiss', Triq l-Isqof David Cocco Palmieri, Sannat, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 12445 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur u certament wara l-1 ta' Novembru

2001 fi Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu l-hsara kontra l-ligi imma sabiex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, ostakolaw rewwieha li mill-fond numru 21, taghti ghall-fond numru 18, ghamlu wire netting quddiem tieqa li wkoll mill-fond numru 21 taghti ghall-fond numru 18 ghad-danni tal-Prof. Henry u Margarete konjugi Frendo u ghamlu bank tal-gebel f'bitha pposseduta mill-istess konjugi Frendo, dan bi ksur ta' artikolu 85 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-imputati li jnehhu kull inkonvenjent minnhom ikkreat.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi din il-kawza si tratta ta' allegazzjoni ta' raggion fattasi fejn il-kwerelanti jsostnu illi wara li xtraw il-proprjeta` in kwistjoni sofrew indhil mill-imputati meta dawn ghamlu xi xogholijiet fi hwejjighom konsistenti fi twahhil ta' wire netting mat-tieqa tal-kwerelanti li pero` tisbokka fi hwejjeg l-imputati kif ukoll tqeghid ta' bank tal-gebel fil-bitha tal-kwerelanti.

Minn ezami tal-fatti jirrizulta illi l-kwerelanti xtraw din il-proprjeta` minghand terzi li gia` kellhom relazzjoni bhala gara ta' l-imputati u fil-fatt il-bitha mertu tal-kawza ghandha access sia mill-imputati kif ukoll mill-kwerelanti. L-imputati inoltre jsostnu illi l-madum tal-bitha ghamluh a spejjez taghhom u dan fi zmien meta l-propjreta` ma kienetx tappartjeni lill-kwerelanti.

Minn dak li semghet il-Qorti ma jidhirx illi huma sodisfatti l-erba' rekwiziti mehtiega biex titmexxa kawza ta' din in-natura in lineja mal-principji stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Il-Pulizija –vs- Carmel Farrugia" deciza fis-17 ta' Frar 1995.

Fil-kaz in dizamina l-prosekuzzjoni, ossia l-kwerelant ma ressaqx il-provi mehtiega biex juri d-dolo ta' l-imputati u ghalhekk ghall-fini tal-procedura kriminali ma tistax tinstab htija.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur